

**2022**

**SENA  
EWROPEA  
TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

**AGĦTI VUĊI  
LILL-VIŻJONI  
TIEGĦEK.**



***Minħabba l-pandemija ż-żgħażaġħ issagrifikaw  
ħafna esperjenzi ewlenin tal-ħajja.***

***Bħala rikonoxximent tar-rwol taż-żgħażaġħ  
fis-soċjetà tagħna u biex tħeġġiġhom jinvolvu  
ruħhom aktar, il-President tal-Kummissjoni  
Ewropea Ursula von der Leyen, fid-diskors dwar  
l-Istat tal-Unjoni tal-2021 ħabbret li l-2022 se  
tkun is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ.***



**SENA  
EWROPEA  
TAŻ-ŻGĦAŻAĠĦ**



***“L-Unjoni tagħna se tkun aktar b’saħħitha jekk tkun aktar bħall-ġenerazzjoni li jmiss tagħna: riflessiva, determinata u jimpurtaha. Imsejsa fuq il-valuri u kuraġġuża fl-azzjoni. Dan l-ispirtu se jkun aktar importanti minn qatt qabel matul it-tnax-il xahar li ġejjin.”***



**URSULA VON DER LEYEN**  
**Il-President**  
**tal-Kummissjoni Ewropea**



# OBJETTIVI

## TAS-SENA EWROPEA TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 2022

SENA  
EWROPEA  
TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ



Enfasi fuq kif it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u politiki oħra tal-Unjoni, joffru opportunitajiet għaż-żgħażagħ wara l-pandemija tal-COVID-19.



Nagħtu s-setgħa u nappoġġjaw liż-żgħażagħ, inklużi ż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet, biex isiru ċittadini attivi u impenjati u l-atturi tal-bidla.



Nippromwovu l-opportunitajiet disponibbli għaż-żgħażagħ minn politiki pubbliċi fil-livelli kollha.



Indaħħlu perspettiva taż-żgħażagħ fit-tfassil tal-politika fil-livelli kollha.



# 9 TEMI



**Ekoloġija**



**Iż-Żgħażaġħ  
u d-dinja**



**Diġitali**



**Saħħa,  
benesseri  
u sports**

**SENA  
EWROPEA  
TAŻ-ŻGĦAŻAĠH**



**Kultura**



**Edukazzjoni u  
mobbiltà Ewropea  
għat-tagħlim**



**Impjegi  
u inklużjoni**



**Djalogi ta' politika  
u parteċipazzjoni**



**Solidarjetà  
mal-Ukrajna**



# EYY F'ĊIFRI

**+91.4 MILJUN**

ċittadini li ntlaħqu permezz tal-media soċjali.

**+10 MILJUN**

impenn fuq il-media soċjali.

**+210 MILJUN**


impressjoni fuq il-media soċjali.

**+13 000**

attività fl-UE u lil hinn minnha.

**67**

pajjiż.



**SENA  
EWROPEA  
TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**



**2022**

**SENA  
EWROPEA  
TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

**SENA  
GĦAŻ-  
ŻGĦAŻAGĦ.**





**SENA  
EWROPEA  
TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**



# SENA GĦAŻ- ŻGĦAŻAGĦ.

## **DJALOGI TA' POLITIKA MAL-KUMMISSARJI**

Matul is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022 u sa Frar 2023, kull Kummissarju tal-UE stieden bejn 12 u 15-il żagħżuġ u żagħżuġha fi Brussell biex jieħdu sehem fi Djalogu Politiku.

Aktar minn 300 żagħżuġ u żagħżuġha kellhom l-opportunità li jiskambjaw direttament mal-Kummissarji dwar kwistjonijiet ewlenin bħat-tibdil fil-klima, l-innovazzjoni, il-libertà tal-media, id-dritt għat-tiswija, eċċ.

**IĊĊEKKJA D-DJALOGI TA' POLITIKA KOLLHA ›**



**SENA  
EWROPEA  
TAŻ-ŻĠHAŻAGĦ**



# **SENA GĦAŻ- ŻĠHAŻAGĦ.**

## **NETWORKS TAŻ-ŻĠHAŻAGĦ**

FI-2022, il-Kummissjoni Ewropea nediet networks ġodda taż-żgħażagħ, inklużi l-Ambaxxaturi taż-Żgħażagħ tal-Bijoeconomija u n-Network ta' Ambaxxaturi Żgħażagħ Ewropej għat-Tifkira tal-Olokawst, biex jinbnew pontijiet u ħbiberiji fost iż-żgħażagħ mill-pajjiżi tal-UE, ir-Renju Unit u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant.

Il-Kummissjoni Ewropea stiednet ukoll lill-istudenti fil-livell ta' masters biex jipparteċipaw bħala "Osservaturi Żgħażagħ" fl-evalwazzjonijiet tas-sejħiet ta' Orizzont Ewropa Żgħażagħ 2022 taħt Orizzont Ewropa, il-programm tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni.



# INIZJATTIVI ĠODDA

SENA  
EWROPEA  
TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Il-Kummissjoni Ewropea identifikat aktar minn 130 inizjattiva ta' politika għaż-żgħażagħ, li ħafna minnhom ġew żviluppati f'kooperazzjoni maż-żgħażagħ, li kienu konnessi mad-9 temi tal-EYY.



## **HealthyLifeStyle4All Youth Ideas Labs**

Inizjattiva biex iż-żgħażagħ jingħataw vuċi dwar kif jiżguraw stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa għal kulħadd.



## **ALMA initiative (Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb)**

Inizjattiva biex tgħin liż-żgħażagħ żvantaġġati (bejn 18 u 30 sena) jaċċessaw is-suq tax-xogħol bejn il-fruntieri tal-UE.



## **EU4Youth Days**

Inizjattiva li laqqgħet flimkien liż-żgħażagħ, lill-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, lil dawk li jfasslu l-politika u lir-riċerkaturi mir-reġjuni kollha tal-viċinat tal-UE biex jenfasizzaw opportunitajiet u Prattiki tajba għall-ewwel darba matul l-edizzjoni tagħha tal-2022.



## **L-Ambaxxaturi tal-Patt Klimatiku għaż-Żgħażagħ: Tnedija ta' Djalogi u Forums tal-Patt Klimatiku għaż- Żgħażagħ fl-2022**

Inizjattiva li tippermetti liż-żgħażagħ jinvolve ruħhom fi djalogi ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, biex jiżdied l-għarfien dwar in-natura, il-bijodiversità, l-ekonomija ċirkolari u t-tniġġis zero.




**SENA  
EWROPEA  
TAŻ-ŻGHAŻAĠH**

Fl-EYY ħadu sehem dawk li jfasslu l-politika mill-istituzzjonijiet tal-UE, Koordinaturi Nazzjonali tal-EYY u punti ta' kuntatt nazzjonali, u partijiet ikkonċernati li kkollaboraw biex l-impatt tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ imur lil hinn mill-2022.

**+13 000**

avveniment organizzat fl-UE u lil hinn minnha.

# ATTIVITAJJIET TAL-EYY







**SENA  
EWROPEA  
TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**



Dawn huma wħud mill-avvenimenti ewlenin tal-EYY.

Dawn kienu tassew mumentu ewlenin li għaqqu flimkien liż-żgħażaġh, lill-partijiet ikkonċernati u lil dawk li jfasslu l-politika.



***Avveniment LevelUp!***

B'aktar minn 200 sessjoni ta' ħidma fuq jumejn, dan l-avveniment ta' spinta lill-ħiliet ta' komunikazzjoni, organizzazzjoni u promozzjoni taż-żgħażaġh biex jgħinuhom isiru l-mexxejja ta' għada.




***Konferenza "Claim the Future"  
(Nieħdu pussess tal-futur)***

Għall-għeluq tal-EYY 2022, konferenza ta' ġurnata f'Diċembru ġabret aktar minn 700 parteċipant, inklużi żgħażaġh, partijiet ikkonċernati, u dawk li jfasslu l-politika fi Brussell.



# SEMMA' LEĦNEK



L-EYY kienet verament sena maħluqa miż-żgħażaġh u għalihom.  
Dawn huma wħud mill-modi kif iż-żgħażaġh ħolqu b'mod konġunt l-EYY:



**SENA  
EWROPEA  
TAŻ-ŻGHAŻAĠH**



## **Grupp ta' Ġurnalisti Żgħażaġħ Ewropej**

Il-Kummissjoni Ewropea u l-Eurodesk ħolqu grupp ta' ġurnalisti żgħażaġh Ewropej matul l-EYY biex jgħinu jgħollu l-vuċi taż-żgħażaġh. Il-Ġurnalisti Żgħażaġħ ipparteċipaw ukoll f'avvenimenti internazzjonali u rċevew taħriġ mill-esperti.

## **Taħditiet taż-Żgħażaġħ**





**ARA T-TAĦDITIET TAŻ-ŻGHAŻAĠH >**

**AQRA L-ARTIKLI TAGĦHOM >**



# PJATTAFORMA TAL-VUĊI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ



Kważi

**1800**

vuċi rreġistrata

**29**

lingwa

Il-pjattaforma tal-Vuċi taż-Żgħażagħ tal-EYY tnediet matul l-EYY biex tagħti liż-żgħażagħ kollha mod dirett kif jaqsmu l-ideat u t-tħassib tagħhom għall-futur tal-Ewropa, u jsawru futur mibni fuq is-solidarjetà, id-demokrazija u l-ġustizzja.

Tista' tleñhen il-viżjoni tiegħek għall-UE, avolja l-2022 spiċċat! Tista' tesprimi l-fehmiet tiegħek dwar id-9 temi tal-EYY, f'waħda mid-29 lingwi disponibbli.

**IRREĠISTRA LEÑNEK >**

# DISCORD



Imniedi matul it-tieni nofs tal-2022, Discord sar iċ-ċentru għaż-żgħażagħ Ewropej biex jikkollegaw ma' oħrajn u jiskambjaw ideat, mistoqsijiet, riżorsi u memes.

Id-9 temi tal-EYY jinsabu fiċ-ċentru tal-attenzjoni, b'kanali ddedikati għad-diskussjonijiet dwar suġġetti bħal:



*il-benesseri*



*l-azzjoni  
klimatika*



*il-valuri tal-UE*

*...u ħafna aktar.*



## SENA EWROPEA TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Jekk hemm messaġġ wieħed għaż-żgħażagħ wara l-2022 huwa dan li ġej:

Is-sena 2022 għaddiet, iżda l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ fl-UE qed jikbru.

Dawn huma biss ftit eżempji ta' programmi għaż-żgħażagħ fl-UE li se jkomplu wara l-2022:



### #DiscoverEU

Din hi inizjattiva li toffri lil dawk li għandhom 18-il sena l-opportunità li jivvjaġġaw fl-Ewropa u jiskopruha. Kull sena l-Unjoni Ewropea tagħti liż-żgħażagħ magħżulin pass tal-ivvjaġġar. Issa permezz tal-Azzjoni ta' Inklużjoni ta' DiscoverEU, aktar żgħażagħ huma mħeġġa jgawdu l-avventura u jipparteċipaw!



### Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà

Il-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà joħloq opportunitajiet għaż-żgħażagħ biex jinvolve ruħhom f'attivitajiet ta' solidarjetà barra minn pajjiżhom jew f'pajjiżhom fi proġetti li huma ta' benefiċċju għall-komunitajiet. It-Taqsima tal-Għajnuna Umanitarja toffri attivitajiet ġodda ta' volontarjat transfronter b'appoġġ għal operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja madwar id-dinja kollha!



### Erasmus+

L-Erasmus+ huwa l-programm tal-UE biex jagħti appoġġ lill-edukazzjoni, lit-taħriġ, liż-żgħażagħ u lill-isport fl-Ewropa. Dan joħloq opportunitajiet għaż-żgħażagħ biex jistudjaw, jagħmlu taħriġ, u jiksibu esperjenza barra minn pajjiżhom. Erasmus+ jista' jitgawda wkoll virtwalment permezz tal-Iskambji Virtwali fl-Edukazzjoni Għolja u Ż-Żgħażagħ!

**SKOPRI L-OPPURTUNITAJIET TIEGĦEK >**



**2022**

**SENA  
EWROPEA  
TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

**AGĦTI VUĊI  
LILL-VIŻJONI  
TIEGĦEK.**